MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX)

# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)

# (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR.

## PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 87/2007

**Camilleri Wines Limited (C26375)**

**vs**

**Daniel Mercieca, u Anton Mercieca eżerċenti**

**tal-Kummerċ bl-isem "Bacchus Winery"**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi, wara li ppremettiet:

Illi s-soċjeta' rikorrenti ilha tipproduċi l-liqueur alkoħoliku bl-isem ZEPPIS'S BAJTRA LIQUER sa minn qabel is-sena elfejn u tnejn, liema xorb jinbiegħ fi fliexken ta' daqs divers bit-tikketta bi sfond skur u b'rappreżentazzjoni ta' pala bil-bajtar tax-xewk u bis-salib tal-Kavallieri ta' Malta kif jidher fid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A;

Illi l-intimati jew min minnhom fl-azjenda ta' l-inbid u l-ispirti, minkejja l-protesti tas-soċjeta' rikorrenti bdew joħorġu u sal-lum għadhom ikomplu jimmanifatturaw u jbiegħu prodott bl-isem AMBROSIA'S BAJRA LIQUEUR, li fl-assjem tiegħu huwa kważi identiku, għal dak tal-prodott ZEPPIS'S BAJTRA LIQUEUR tas-soċjeta' rikorrenti, kif jidher mir-ritratti hawn esebiti u mmarkati bħala Dok B sa Dok C;

Illi s-soċjeta' rikorrenti fit-tletin (30) ta' April 2002 irreġistrat mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industijali bin-numru 36130 dritt esklussiv biss fuq il-kelma "Zeppi's" għaliex il-Kontrollur (kif jirrġulta mill-ittra tat-13 ta' Frar 2003 hawn annessa u mmarkata Dok D) għaliex kemm l-isem "Bajtra Liquer" kif ukoll is-salib tal-Kavallieri ta' Malta fil-fatt ma jistgħux jiġu debitament reġistrati bi dritt esklussiv, iżda l-użu u r-rabta ta' l-istess simbolu tas-salib tal-Kavallieri ta' Malta bil-kulur aħmar, ir-rappreżentazzjoni tal-pala bil-bajtar tax-xewk proprju fuq in-naħa ta' isfeltat-tiketta tal-prodott ta' l-intimati huma intiżi speċifikament sabiex kemm mad-daqqa t'għajn kif ukoll ma' l-eżami aktar dettaljat minn konsumatur li huwa biss vagament familjari mal-prodott tas-soċjeta' esponenti, joħloq konfużjoni illeċita kif ser jiġi ppruvat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża;

Illi għalkemm mhux reġistrat bħala Tredjmark għall-finijiet tal-Kap 416 tal-Liġijiet ta' Malta bl-isem "Bajtra Liqueur" ossia l-assjem tal-frażi magħmula minn kelma bil-Malti u l-oħra bl-Ingliż mhuwiex isem ta' xarba jew ta' klassi ta' xorb illi komunement huwa riferit fis-suq u fost il-klijenti b'dak l-isem u xarba alkoħolika magħmula minn estratt tal-bajtar tax-xewk mhux bilfors jissejjaħ b'dak l-isem;

Illi anzi dan l-appellattiv huwa r-riżultat ta' riċerka tas-suq u ta' marketing magħmula eskllussivament f'Malta mis-soċjeta' rikorrenti u qabel il-konfużjoni fis-suq maħluq mill-intimat kien jirreferi biss għal prodott partikoari, ossija, l-liker magħmul minn estratt tal-bajtar tax-xewk mis-soċjeta' rikorrenti;

Illi għalhekk kemm l-użu ta' l-isem "Bajtra Liqueur" kif ukoll l-assjem ta' l-użu tal-kuluri, l-għamla u l-kulur tat-tapp, l-għamla tal-flixkun, l-isfumaturi tat-tikketta u l-pjazzament ta' oġġetti fuq it-tikketta, l-użu ta' saliba tal-Kavallieri ta' Malta b'kulur aħmar u d-deskrizzjoni tal-liker b'tipa bajda korsiva fuq il-prodott ta' l-inimat jikkostitwixxu konkorrenza żleali u lleċita ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kodiċi Ċivili tal-Kummerċ (Kap 13 tal-Liġijiet ta' Malta) billi l-istess fatturi hawn imsemmija mingħajr l-ebda dubju joħolqu konfużjoni fuq is-suq ma' l-isem u t-tikketta użati legalment mis-soċjeta rikorrenti u b'hekk jilledi d-drittijiet tagħha u kkawżaw u kull ġurnata li tgħaddi qed jikkawża danni serji għan-negozju tas-soċjeta' rikorrenti;

Illi għal dawn id-danni sofferti huwa responsabbli unikament l-intimat kif ser jiġi ppruat fit-trattazzjoni ta' din il-kawża.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tinibixxi lill-intimat milli jkompli jipproduċi, jiddistribwixxi, jbiegħ, jirreklama u jippromwovi, jesponi jew b'xi mod, direttament jew indirettament, imexxi x-xarba bl-isem "Ambrosio's Bajtra Liqueur" bit-tikketta li toħloq dina l-konkorrenza żleali;

2. Tikkundanna lill-intimat sabiex jikkonsenja lis-soċjeta' rikorrenti fi żmien qasir u perentorju li jogħġobha tipprefiġġilu t-tikketti kollha tax-xarba bl-isem "Bajtra Liqueur" taħt l-isem "Ambrosia" sabiex dawn jiġu distrutti;

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex minnufih jittermina l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-istess prodott bit-tiketta in kwisjtoni u sabiex jirtira kompletament fl-istess żmien prefiss lilu minn fuq is-suq il-prodotti bit-tikketta msemmija sabiex l-istess jiġu distrutti mis-soċjeta' rikorrenti;

4. Issib lill-intimat responsabbli għad-danni inkluż telf ta' qliegħ kkaġunati mill-konfużjoni maħluqa fis-suq kaħun ta' l-aġir ta' l-intimat u tillikwida l-istess danni okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni u l-mandat ta' sekwestru ppreżentat kontestwalment fl-ismijiet premessi ppreżentati kontestwalment ma dan l-att, u bl-imgħaxijiet kummerċjali mid-dati tal-fatturi rispettivi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Anton Mercieca li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi huwa la għandu u lanqas qatt kellu ebda konnessjoni mal-kummerċ fl-isem "Bacchus Winery" u għalhekk ma għandu ebda interess fl-esitu ta' din il-kawża u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Illi huwa għalhekk ma għandu jeħel xejn mill-ispejjes ta' din il-kawża u l-ispejje' tiegħu għandhom jiġu ssoportati mis-soċjeta' attriċi.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenut Daniel Mercieca li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikorrenti stante li l-intimat ma kkommetta ebda konkorrenza sleali a tenur tal-Liġi kif allegat mis-soċjeta rikorrenti fir-rikors ġuramentat tagħha, u dan għal diversi raġunijiet, kif ser jiġi ppruvat aħjar waqt il-mori u t-trattazzjoni tal-kawża, fosthom dawn is-segwenti:-

2. Illi l-isem appellattiv taż-żewġ xarbiet (liqueurs) huma kompletament differenti għaliex dak tas-soċjeta' rikorrenti jismu 'Zeppi's', waqt li dak magħmul mill-intimat jismu 'Ambrosia'. Il-kelma 'Bajtra Liqueur', m'hija xejn għajr l-isem deskrittiv tal-prodott;

3. Illi ż-żewġ prodotti m'għandhom l'ebda karatteristiċi prinċipali li jistgħu jqarqu lill-konsumatu. Iż-żewġ fliexken, fl-assjem tagħhom (get up) għalkemm jidher li għandhom xi elementi li jixxibħu, dawn jirreferu għan-natura tal-prodott, u ma humiex tali li jikkreaw il-konfu'joni li tistipula l-liġi;

4. Illi t-tiketta inħolqot minn disinjatru nkarigat speċifikament għal dn l-iskop mill-intimat, mingħajr ma ntwera l'ebda tiketti oħra, u li ddisinja wkoll tlett tikketti oħra għax-xarbiet (liqueurs) differenti magħmula mill-intimat, fuq l-istess disinn ta' dak tal-'Ambrosia Bajtra Liqueur'. Ritratti ta' dawn it-tikketti qed jiġu annessi ma' din in-nota u mmarkat bħala Dok A;

5. Illi in oltre, għar-rigward ta' l-elementi distintivi tat-tikketta, din hija magħmula minn erba (4) elementi, ċioe l-bajtra illi fiha innifisha hija deskrittiva tat-tip ta' liquer u l-element essenzjali tal-prodott iżda li fit-tiketta tal-intimat hija differenti minn dik murija fit-tiketta tas-soċjeta' rikorrenti, s-salib ta' Malta illi huwa rikonnoxut bħala simbolu li juri li l-prodott huwa magħmul f'Malta u li huwa użat kommunament bħala simbolu f'diversi tikketti oħra, fosthom tax-xorb lokali minn produtturi oħra, l-isem 'Bajtra Liquer' li kien u għadu użat minn Demajo Group of

Companies ud an kien ferm qabel mas-soċjeta' rikorrenti bdiet tipproduċi ż-'Zeppi's Bajtra Liquer', kif se jiġi muri fil-mori tal-kawża. Dawn l-elementi kollha, għalkemm huma komuni għaż-żewġ tikketti tal-Bajtra Liquers tal-partijiet, lanqas huma reġistrabbli ai termini tal-liġi bħala trademarks, u dan għaliex huma tant komuni għall-prodotti simili. Brra minn hekk, dawn l-elementi huma mpinġija b'mod differenti u ftit li xejn għandhom x'jaqsmu ma' xulxin, fil-fatt il-kulur predominanti fit-tikketta ta' l-intimat huwa l-iswed fil-waqt li dak tal-liquer tas-socjeta' rikorrenti huwa blu u ma hemm ebda xebħ;

6. Illi l-kulur iswed, kif ukoll l-assjem tat-tikketta huwa komuni għat-tikketti tal-liqueres kollha prodotti mill-intimati, u dan juri b'mod ċar illi l-intenzjoni ta' l-intimat qatt ma kienet dik li tqarraq jew tkun żleali fil-konfront tal-kompetituri fis-suq;

7. Illi għar-rigwar tal-flixkun tal-'Ambrosia Bajtra Liquer', l-intimat jesponi illi dan huwa differenti minn dak tas-soċjeta' rikorrenti u fil-fatt huwa xtara l-forma ta' dan il-flixkun esklussivament għall-użu tiegħu mingħand soċjeta' estera. Jingħad ukoll illi huwa ma kellu ebda alternattiva għajr it-tapp in kwistjoni li wkoll huwa differenti l-kulur minn dak tas-soċjeta' rikorrenti, u dan għaliex l-intimat, bħas-soċjeta' rikorrenti, għandu magni ili juża biex jipproduċi u jibbotilja l-inbid u l-eda tap ieħor ma kien ikun adegwat;

8. Illi l-intimat, jirribatti t-tielet talba tar-rikorrenti bi-qawwa u dan għaliex il-liquer fih innifsu huwa prodott magħmul minnu, b'riċta illi hija għal kolox differenti minn dik tas-soċjeta rikorrenti, ħlief illi hija magħmula mill-bajtra, u għalhekk bl-ebda mod m'għandha tiġi distrutta jew imneħħija mis-suq. Jingħad ukoll illi l-kulur tal-liquer huwa dak ta' xarba magħmula mill-bajtra tax-xewk ħamra, u għalhekk m'hemm l'ebda raġuni għaliex din għandha jew saħansitra tista', tkun differenti minn dik li hi;

9. Illi fid-dawl tas-suespost, l-intimat, jerġa jesponi bir-rispett illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu respint bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' rikorrenti b'riserva għall-eventwali talba għad-danni li l-intimat sofra u qed isofri minħabab dawn il-proċeduri.

Salv raġunijiet ulterjrui.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tas-soċjeta' attriċi u dik tal-konvenut Daniel Mecieca.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u verbali tax-xhieda mismugħa.

Rat ukoll l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 59/2007 fl-istess ismijiet.

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' Frar 2015 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed teżerċita l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap.13) dwar il-konkorrenza żleali. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"Il-kummerċjanti ma jistgħux jagħmlu użu ta' ebda isem, marka jew sinjal distintiv li jistgħu jġibu taħwid ma' isem, marka jew sinjal distintiv ieħor użati skond il-liġi minn ħaddiehor, ukoll jekk dan l-isem, marka jew sinjal distintiv ta' ħaddiehor ma jkunux irreġistrati skond l-Ordinanza dwar il-Protezzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, lanqas ma jistgħu jagħmlu użu ta' ismijiet ta' ditti jew ta' ismijiet fittizji li jistgħu jqarrqu lil ħaddiehor fuq il-vera importanza tad-ditta".**

A tenur tal-artikolu 37 (1) tal-istess Kodiċi, s-soċjeta' attriċi għażlet li titlob ukoll id-danni relattivi. Dan is-subartikolu jipprovdi illi: **"Il-kummerċjant li jikser xi waħda mill-projbizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 32 sa 36, inklużivament, hu suġġett għall-azzjoni tad-danni u l-imgħaxijiet jew, kif jagħżel il-kummerċjant danneġġjat, għal penali. Barra minn dan, il-kummerċjant danneġġjat jista' jitlob li dak kollu li jkun sar kontra l-projbizzjonijiet hawn fuq imsemmija jiġi meqrud, jew li jiġi ordnat kull rimedju ieħor illi jista', skond ma jkunu ċ-ċirkostanzi, ineħħi l-att li bih tkun saret il-konkorrenza mhux leċita."**

Camilleri Wines Limited qed tallega li l-konvenuti wettqu tali konkorrenza li qed iġġib taħwid fis-suq, meta qegħdu fuq is-suq *liqueur* b'isem, sinjali u distintivi simili għal dawk tal-*liqueur* tagħha. Il-konvenut Anton Mercieca jgħid li m'għandu xejn x'jaqsam mal-"*Bacchus Winery*", filwaqt illi l-konvenut l-ieħor jiċħad li l-prodott tiegħu ħoloq xi konkorrenza żleali bħal din.

Ġara illi għall-ħabta tas-sena elfejn u tnejn (2002) is-soċjeta' attriċi żviluppat dan il-*liqueur* u xi oħrajn, u poġġiethom fuq is-suq. Fir-rigward tal-prodott li qed tallega li saret konkorrenza żleali miegħu, jirriżulta li hija kienet irreġistratu wkoll mal-Kontrollur tal-Proprjeta' Industrijali u nħarġilha ċertifikat dwaru fis-6 ta' Diċembru 2002, fejn ingħatalha dritt esklussiv għall-kliem "*Zeppi's Bajtra*".[1] Dan il-*liqueur* inħareġ fis-suq fi fliexken tal-forma u bid-distintivi kif jidhru fuq in-naha tal-lemin fir-ritatt "Dok. B" esebit a fol. 8 tal-proċess, u fit-tikketta esebita bħala "Dok. A" a fol. 7. F'Awwissu tas-sena 2007 l-konvenut Daniel Mercieca, li sa dakinhar kien jiġġestixxi negozju tal-produzzjoni tal-inbid, ħareġ ukoll għall-bejgħ erba' tipi ta' *liqueurs* differenti, li wieħed minnhom kien magħmul minn estratt tal-frotta tal-bajtra tax-xewk.[2] Is-soċjeta' attriċi dehrilha li kienet qed issir konkorrenza żleali fil-konfront

[1] Ara kopja ta' dan ic-certifikat a fol.46 tal-process
[2] Ara Dok.A a fol,.23

tagħha b'dan il-prodott partikolari, għax fil-fehma tagħha kien hemm xebħ kbir bejn il-fliexken, it-tikketta u t-tappijiet użati, li kien qed joħloq konfużjoni mal-konsumatur. Għalhekk ipproċediet minnufih b'talba għall-ħruġ ta' mandat ta' Inibizzjoni u bil-kawża presenti fit-30 ta' Awwissu 2007, bil-mandat jiġi milqugħ l-għada stess.[3] In segwitu, u fil-mori tas-smiegħ tal-kawża, wara talba tal-konvenut Daniel Mercieca tat-8 ta' Jannar 2008 biex ikun jista' jbiegħ il-*liqueur* tiegħu b'tikketta oħra li kien ipproduċa,[4] il-Qorti b'digriet tagħha tat-18 tal-istess xahar, ippronunzjat ruħha fis-sens illi:

*"...a skans ta' kull ekwivoku, tiddikjara li l-mandat ta' Inibizzjoni numru 59/2007, inħareġ bl-intiża li jżomm l-intimati milli jimmanufatturaw, jiddistribwixxu u jbiegħu prodotti bit-tikketta "Ambrosia Bajtra Liqueur" fl-assjem kif tidher fir-ritratt esebit bħala dokument "A" fl-atti tal-istess mandat, (u mhux) milli jimmanufatturaw, jiddistribwixxu u jbiegħu l-istess prodott pero' b'tikketta oħra."* [5]

Jista' jingħad mill-ewwel, in vista tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anton Camilleri, li ma tressqet lanqas l-iċken prova li dan kien involut b'xi mod fil-produzzjoni u tqegħid fis-suq tal-*liqueur* tal-marka "Ambrosia" li minnu qed tilmenta s-soċjeta' attrici. Għalhekk hemm lok li jintlaqgħu l-eċċezzjonijet tiegħu, u l-istess konvenut jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Il-Qrati tagħna kellhom diversi okkazzjonijiet sabiex jippronunzjaw ruħhom dwar kwistjonijiet bħal dawn. F'kawża simili ħafna għal dik presenti, li fiha nsertaw kienu nvoluti wkoll id-diretturi tas-soċjeta' attriċi, pero' in rappresentanza ta' kumpanija oħra tagħhom, fejn bħal f'dik presenti kien qed jiġi allegat li l-flixkun, it-tikketta u l-isem ta' xorb alkaħoliku prodott mill-kumpanija konvenuta kien jixbaħ ħafna lil dak ta' socjeta' estera li kien ilha żmien tipproduċi

[3] Ara atti tal-Mandat nru.59/2007
[4] Ara rikors a fol. 30,31 u tikketta a fol.33
[5] Ara digriet relattiv a fol.38

għas-swieq internazzjonali prodott simili (*Aperol*),[6] hemm referenza ampja għall-ġurisprudenza tagħna li fissret x'jista' jwassal lill-ġudikant għas-soluzzjoni ta' dawn il-każijiet.

Hekk f'"**Notaro George Alfred Page noe vs Negte. Giuseppe Tanti Bellotti noe**" deċiża fil-15 ta' Marzu 1905 (Vol. XIX.i.80), il-Qorti tal-Appell qalet li "*per la fraudolenta imitazione di un marchio di fabbrica contemplata dalla nostra legge non si richiede la imitazione perfetta d'un marchio legalmente usato da altri, ma basta che tale imitazione sia tale da poter trarne in inganno la generalita` dei compratori; l'attitudine del marchio imitato a trarre in inganno sulla natura dei prodotti e` l'elemento richiesto dalla legge per stabilire la contraffazione, e basta la possibilita` della confusione fra due marchi perche` si abbia usurpazione*".

Fis-sentenza fl-ismijiet "**Negte Gustavo Pulis noe vs Giuseppe Tabone et**" deċiża fis-27 ta' Novembru 1922 (Vol. XXV.i.287) il-Qorti tal-Appell irriteniet li "*in materia di concorrenza illecita per confusione, il giudicante non deve badare alle differenze nei segni rilevabili da un acquirente diligentissimo, ma alle somiglianze atte a trarre in inganno un acquirente di media intelligenza*".

F' **Dr. Maurice Agius Vadala noe vs Albert Mizzi et noe.** mogħtija fid-9 ta' Awwissu 1990, il-Qorti tal-Kummerċ qalet li "*l-liġi trid li biex tasal għall-ġudizzju x'jista' jġib taħwid, il-ġudikant jrid jara jekk kemm-il darba meta huwa – bħala potenzjali konsumatur – jara esposti għall-bejgħ iż-żewġ prodotti – mingħajr ma joqgħod jiflihom, jara jekk b'attenzjoni minima, jistax jitħawwad billi flok jagħżel il-prodott li jkun irid jixtri, jew aħjar, li jkun f'moħħu li jixtri, jagħżel il-prodott konkorrenti għaliex jaħsbu li huwa dak li jrid. Kollox għalhekk jiddependi mill-impressjoni psikologika li tiġi kreata minn kull prodott mill-forma li fih jiġi preżentat għall-bejgħ; forma komposta minn kliem, kuluri, stampi u*

[6] P.A. 23.02.2001: Profs. J. A. Micallef et.noe. vs Silvio Camilleri et noe. (citaz.nru.778/90DS)

*arranġament li joħolqu kompożizzjoni ta' poter assoċjattiv fil-psikoloġija tax-xerrej li telimina ħafna mill-aspetti analitiċi ta' l-akkwirent, li jużahom l-ewwel darba li jgħaddi mill-esperjenza imma mbagħad tgħaddi għall-fażi abitudinarja li tant tiffaċilita l-azzjoni umana....Għandhom jiġu applikati konsiderazzjonijiet soġġettivi għal każ in eżami, naturalment moderati bil-konsiderazzjoni u riflessjoni oġġettiva li ġudikant irid dejjem jipprospetta x-xerrej komuni – la dak fitt u lanqas dak aljenat, la l-intelligenti u lanqas l-injorant – fi ftit kliem il-kriterju huwa dak ta' persuna komuni u normali."*

Minn dawn il-prinċipji deher evidenti għal dik il-Qorti (f'Micallef noe. vs Camilleri) li: "*l-kwistjoni ta' konfondibilita` bejn iż-żewġ prodotti hija kwistjoni ta' fatt u l-ġudikant għandu jagħti l-ġudizzju proprju. Inoltre wieħed għandu jħares tant lejn il-kumpless ġenerali kemm lejn il-karatteristiċi prinċipali tad-disinn u l-preżentazzjoni tal-prodott. M'hemmx għalfejn ikun hemm identita` bejn id-disinn jew l-ismijiet użati iżda biżżejjed xebħ li jista' jwassal fi żball. M'hemmx għalfejn li tkun saret konfużjoni għaliex il-potenzjalita` hija biżżzejjed* (F'dar-rigward ara per eżempju "**Joseph Tanti Palmier vs Joseph Caruana Curran noe et**, Vol. XLIX.iii.1099)."

U preċiżament bħal ma għandna fil-każ odjern, "*Dan l-oneru jassumi importanza aktar rilevanti f'din il-kawża fid-dawl tal-fatt illi l-atturi qegħdin jistrieħu fuq il-prova materjali illi ż-żewġ prodotti jistgħu jiġu mħawda ma xulxin, għaliex l-ebda prova indipendenti ma ġiet tentata mill-atturi sabiex jistabilixxu li kien hemm attwalment konsumaturi li almenu kienu ser jitħawdu.*"[7]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu li s-soċjeta' attriċi qed tilmenta minħabba li, fil-fehma tagħha, il-*liqueur* bl-isem "*Ambrosia Bajtra Liqueur*" fl-assjem tiegħu huwa kważi identiku għall-prodott tagħha "*Zeppi's Bajtra Liqueur.*" Kif premess fil-

[7] Micallef noe. vs Camilleri, hawn fuq citata

paragrafu (6) tar-Rikors Ġuramentat, hija ssostni li "*kemm l-użu ta' l-isem 'Bajtra Liqueur' kif ukoll l-assjem ta' l-użu tal-kuluri, l-għamla u l-kulur tat-tapp, l-għamla tal-flixkun, l-isfumaturi tat-tikketta u l-pjazzament ta' oġġetti fuq it-tikketta, l-użu ta' salib tal-Kavallieri ta' Malta b'kulur aħmar u d-deskrizzjoni tal-liker b'tipa bajda korsiva fuq il-prodott ta' l-intimati jikkostitwixxi konkorrenza żleali u lleċita ai termini ta' l-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ...*".

Din il-Qorti kellha l-opportunita' teżamina bir-reqqa kampjun mill-prodotti rispettivi tal-kontendenti, billi jinsabu esebiti mal-atti tal-kawża kemm flixkun tal-35 centilitru bil-*liqueur* tas-soċjeta' attriċi, kif ukoll flixkun tal-istess volum prodott minn Daniel Mercieca. Ma jistax jingħad li m'hemm l-ebda xebħ bejn iż-żewġ prodotti. Dan jidher partikolarment fit-tikketta, minkejja l-isforzi li ħa l-konvenut biex jisgura li din ma tkunx tixxiebaħ ma' dik tas-soċjeta' attriċi.[8] It-tikketta fiż-żewġ prodotti hija magħmula minn karta metallika, imma kif spjega Antonio Cremona, din il-karta dejjem tintuża għal prodotti bħal dawn. Filwaqt illi t-tikketta ta' Camilleri Wines għandha sfond blu skur, ibbordurata b'ħajta tad-deheb, dik ta' Mercieca għandha sfond iswed, ibborduata wkoll b'ħajta daqsxejn uża kulur id-deheb. It-tikketta ta' *Zeppi's* hija ta' forma rettangolari, mentri dik tal-*Ambrosia* hija iqsar, idjaq u piuttost *tapered*. Iż-żewġ *logos*, għalkemm differenti fl-għamla u fil-kulur huma wkoll imdawwra b'ħajta deheb. It-tnejn fihom rappresentazzjoni ta' bajtar tax-xewk fil-parti ta' isfel. Iż-żewġ prodotti jiddeskivu x-xarba kontenuta fil-flixkun bħala "*Bajtra Liqueur,*" u t-tnejn juru rappresentazzjoni tas-salib tal-Kavallieri bil-kukur aħmar, wieħed taħt il-kliem "Bajtra Liqueur", u l-ieħor fuqu. It-tnejn fihom ukoll deskrizzjoni bil-kliem korsiv abjad fuq tliet linji, wieħed taħt is-salib, u l-ieħor taħt il-kliem "Bajtra Liqueur". Fuq in-naħa ta' wara tal-flixkun iż-żewġ prodotti jirrepetu t-tiketta rispettiva tagħhom, bid-differenza li l-kliem "Bajtra Liqueur" huwa nieqes mit-tikketta tal-konvenut. Hawnhekk iż-żewġ prodotti jagħtu sfond storiku tal-

[8] Ara f'dan ir-rigward,l-affidavit ta' Daniel Mercieca (a fol. 203 -206), u x-xhieda tad-designers tat-tikketti rispettivi: Antonio Cremona (a fol. 79 -88 ) u Vincent Ellul (a fol. 160 – 166)

frotta użata u kif idealment għandha titgawda din ix-xarba. It-tappijiet ukoll għandhom ċertu xebħ. It-tip u d-daqs huma identiċi, il-kuluri, għalkemm differenti, ftit li xejn jistgħu mad-daqqa t'għajn jintgħażlu minn xulxin, u agħar minn hekk it-tnejn fihom is-salib tal-Kavallieri bl-aħmar fil-wiċċ tiegħu. F'tali ċirkostanzi jidher li ftit li xejn hemm x' jista' jwassal konsumatur ordinarju li jiddistingwi miż-żewġ fliexken, imqegħdin xi ftit qrib xulxin fuq xkaffa ta' ħanut.

Daniel Mercieca jiġġustifika l-użu ta' ħafna mill-fatturi ta' dan ix-xebħ billi jikkontendi:

1. fir-rigward tal-kliem "*Bajtra Liqueur*", li dawn mhumiex esklussivi għas-soċjeta' attriċi, imma sempliċement kliem deskrittiv tat-tip tax-xarba kontenuta fil-flixkun. Infatti, kif ġia ġie ndikat, il-Kontrollur tal-Proprjeta' Industriali rrifjuta li jirreġistra dawn il-kliem bħala l-proprjeta' tas-soċjeta' attriċi, u ma ġiex innegat dak li qal il-konvenut fis-sens illi, qabel ma ħarġet fis-suq il-prodott tagħha s-soċjeta' attriċi, ġia kien hawn prodott simili mportat f'Malta mid-Demajo Group li kien qed jinbiegħ ukoll bħala "Bajtra Liqueur";

2. l-emblema tas-salib tal-Kavallieri bil-kulur aħmar, tintuża f'ħafna prodotti manufatturati Malta u ntiżi primarjament għas-suq turistiku, biex jiġi ndikat l-oriġini ta' dak il-prodott;

3. ir-rappprezentazzjoni tal-frott tal-bajtar tax-xewk fuq it-tikketta tal-faċċata kienet essenzjali biex turi minn x'hiex kienet magħmula dik ix-xarba; tant hu hekk illi għal-*liqueurs* l-oħra prodotti minnu uża wkoll stampi tal-għasel, ħarub u lumi għax-xarbiet rispettivi;[9]

4. it-tappijiet neċessarjament kellhom ikunu ta' dak it-tip partikolari, għax huwa kien laħaq investa f'magna li tagħmel tappijiet bħal dawk għall-flixken tal-inbid u ma xtaqx jagħmel spiża konsiderevoli oħra għal dan il-fini;

---

[9] Ara ritratt a fol.23

5. id-deskrizzjoni tal-prodott fuq it-tikketta hija rikjesta mil-liġi.

Kif ikompli jintqal fil-kawża "**Micallef vs Camilleri**" hawn fuq ċitata, *"huwa importanti f'dan l-istadju illi ssir distinzjoni bejn l-isem jew il-marka li tiġi użata minn kummerċjant fil-kors tan-negozju tiegħu u l-packaging jew dak li llum jissejjaħ il-"get up" tal-prodott. Il-kwistjoni dwar l-aspett ta' "get up" illum il-ġurnata sar jassumi importanza konsiderevoli f'dawn it-tip ta' kawżi kif jingħad fil-ktieb awtorevoli Kerley's Law of Trademarks and Trade Names 12 Ed. Pagni 402/404 fejn jingħad illi:*

*'It is usually true in some degree that a trader's goods are recognized as his by their general appearance or "get up". Accordingly, resemblance of get up is not uncommonly an ingredient in passing off and it is possible for imitation of get up alone to amount to passing off'.*

*Fl-istess kummentarju issir riferenza għas-sentenza fl-ismijiet Coca cola v. Barr (1961) "where the use of bottles shaped like the plaintiffs' and unlabbeled was considered deceptive."*

Fil-każ in eżami, pero', l-Qorti hija tal-fehma illi s-similarita' fl-għamla tal-flixkun u t-tapp, għandhom jingħataw importanza sekondarja, fis-sens li dan l-aspett għandu jiġi meqjus fit-totalita' tal-provi, iżda mhux bħala fattur determinanti *per se* jew bħala soġġett ta' atti lleċiti ta' konkorrenza. Infatti ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Brian Bajada pro et noe vs Paul Bonnici noe**.[10] fejn għalkemm irriżulta illi l-fliexken u l-kulur tal-prodotti kien simili, l-għamla tal-flixkun tal-Aperol ma kienitx tant rari li tikkostitwixxi fiha nfisha fattur li jikkaraterizza l-marka u l-Aperol innifsu. Imma fil-każ tagħna, minkejja li hemm allegazzjoni wkoll f'dan ir-rigward, naraw li l-fliexken huma neċessarjament indaqs minħabba l-volum,

[10] Appell: 4.12.1991 (kollez. Vol LXXV.ii.629)

li fiż-żewġ każijiet huwa ta' 35 cl., imma l-għamla tal-flixkun hija piuttost differenti, għax dak tal-konvenut għandu forma idjaq, ma fieħx xoffa fil-qiegħ tiegħu, u minn taħt hemm għafsa 'l gewwa li l-ieħor m'għandux.

Madankollu, fid-dawl tal-premess, il-Qorti tikkonkludi illi l-aġir tal-konvenut Daniel Mercieca, konsistenti fil-produzzjoni u spaċċar fis-suq lokali tal-prodott li jġib l-isem "*Ambrosia Bajtra Liqueur*", inkluż it-tikketta distintiva u t-tapp tiegħu, ad eskluzjoni pero' tal-għamla tal-flixkun, jikkostitwixxi att ta' konkorrenza żleali kontra d-disposizzjoni tal-artikolu 32 et seq. tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Imma fir-rigward tat-talba għad-danni u mgħaxijiet sofferti mis-soċjeta' attriċi, taqbel mal-konvenut li fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, m'għandhiex tintlaqa' din it-talba, peress li ma nġabitx prova sodisfaċenti mis-soċjeta' attriċi li sofriet xi danni minħabba l-aġir tal-istess konvenut. Fl-affidavit tat-22 ta' Mejju 2009 ta' Louie Camilleri, direttur tas-soċjeta' attriċi, nsibu rendikont tal-bejgħ tal-*liqueur* tagħhom fis-sena 2006, meta ma kienx għadu ġie introdott fis-suq il-*liqueur* tal-konvenut, ipparagunat mal-bejgħ tas-sena ta' wara, meta beda jinbiegħ ukoll dak tal-konvenut.[11] Għalkemm minn dan ir-rendikont jirriżulta ċertu tnaqqis fil-bejgħ tal-prodott tas-soċjeta' attriċi fis-sena 2007, il-Qorti mhix konvinta li dan kien bilfors dovut għal xi konkorrenza żleali da parti tal-konvenut. It-tnaqqis seta' kien dovut għal diversi fatturi oħra, u ċioe':

1. il-kompetizzjoni fiha nnifisha li prodott simili jikkawża fis-suq;
2. id-domanda għal dan il-prodott partikolari, li tista' tkun staġionali, speċjalment jekk dak il-prodott ikun immirat għas-suq turistiku; infatti nsibu li f'Awwissu tal-2007 il-bejgħ tal-*liqueur* "Zeppi's" żdied u mhux naqas fuq is-sena preċedenti;

[11] Ara affidavit a fol. 123 - 124

3. ir-reklamar li seta' sar għalih fi żmien partikolari;

4. l-istqarrija ta' Mark Borg mid-Dwana, li l-kwantita' ta' alkoħol impurtat mill-konvenut, hija żgħira ipparagunata ma' dik ta' produtturi lokali oħra,[12] u allura ftit seta' għamel differenza fis-suq;

5. billi s-soċjeta' attriċi aġixxiet mill-ewwel biex iżżomm il-prodott tal-konvenut milli jiġi distribwit għall-bejgħ, bir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fit-30 ta' Awwissu 2007, u l-fatt li din il-Qorti laqgħet it-talba l-għada stess, ftit seta' kellu impatt fuq il-bejgħ tal-prodott tagħha, dak tal-konvenut, ġialadarba ma setax kien ilu iżjed minn xahar li nħareġ għall-bejgħ.

Għaldaqstant m'hi ser tillikwida ebda somma ta' flus in linea ta' danni.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża bil-mod segwenti:

1. tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Anton Mercieca u tilliberaħ mill-osservanza tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi kontra s-soċjeta' attriċi;

2. tilqa' l-ewwel talba tas-soċjeta' attriċi u tinibixxi lill-konvenut Daniel Mericeca milli jkompli jipproduċi, jiddistibwixxi, jesponi jew b'xi mod, direttament jew indirettament, imexxi x-xarba bl-isem "Ambrosia Bajtra Liqueur" bit-tikketta li toħolq din il-konkorrenza żleali;

3. tilqa' t-tieni talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex fi żmien xahrejn mil-llum jikkonsenja lis-soċjeta' attriċi t-tikketti kollha tax-xarba bl-isem "Ambrosia Bajtra Liqueur" bħal dik murija fuq id-dokument "A" anness mar-Rikors Ġuramentat a fol. 7 tal-proċess;

[12] Ara xhieda tiegħu a fol.150

4. tilqa' wkoll it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut Daniel Mercieca sabiex minnufih jittermina l-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-istess prodott bit-tikketta in kwistjoni u sabiex jirtira fl-istess żmien prefiss lilu hawn fuq, il-prodott bit-tikketta msemmija sabiex, dawn it-tikketti jiġu distrutti mis-soċjeta' attriċi; u

5. tiċħad ir-raba' talba, billi ma rriżultax li ġew ikkawżati danni lis-soċjeta' attriċi.

Il-bqija tal-ispejjeż għandhom, fiċ-ċirkostanzi, jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenut Daniel Mercieca u terz (1/3) mis-soċjeta' attriċi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------